MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 2178/2004

**Martin Degabriele**

**Vs**

**Carmel Cassar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u sitta u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm876.30c) rapprezentanti *loss of use* ta' *minibus* bin-numru ta' registrazzjoni HMY 165 proprjeta' ta' l-attur waqt li dan kien qieghed jissewwa b'konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Lulju, 2003 fejn il-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni GAH 837 fit-telgha ta' San Martin, l-Imgarr baqa' diehel fil-vettura ta' l-attur.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda

bl-ispejjez stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx tort ta' Carmel Cassar u ghalhekk l-imsemmi Carmel Cassar m'ghandux ikun ikkundannat ihallas l-ebda danni.

Sema' x-xhieda ta' Martin Degabriele u ta' Dr Edmond Zammit Laferla u ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr David Camilleri ghall-attur u ra s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' Dr Stephen Muscat ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti u partikolarment mir-*Road Accident Report* esebit jidher li s-sewwieq tal-vettura HMY 165 kien ghaddej minn Triq San Martin sejjer mid-direzzjoni ta' Ghajn Tuffieha lejn San Martin mentri l-vettura GAH 837 kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

Il-vettura HMY 165 kienet tiela' t-telgha miexja bil-mod u cjoe', kif hemm miktub fir-*Road Accident Report,* "klikki klikki", u hin minnhom sema' *brake* qawwi minn quddiemu u waqaf u tefa' l-karozza ghal gol-hajt min-naha tax-xellug izda giet karozza mill-faccata u baqghet diehla go fih.

Is-sewwieq tal-vettura GAH 837 cjoe' l-konvenut irrapporta li kien niezel u f'daqqa wahda fil-kantuniera ra l-vann, ghafas il-*brake* u tkaxkar ghal gol-vann.

Minn ezami ta' l-i*sketch* esebit jidher car illi kien hemm spazju sufficjenti sabiex il-vettura tal-konvenut tibqa' ghaddejja minn bejn il-vann ta' l-attur u l-kumplament tat-triq izda ghal xi raguni, dan ghafas il-*brake* u baqa' jiskiddja ghal gewwa l-vettura ta' l-attur u m'hemmx dubju illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament tort tal-konvenut.

Fil-verita' l-vertenza principali tirrigwarda parti mid-danni fis-sens illi ghalkemm is-socjeta' assiguratrici tal-konvenut hallset ir-*repairs* kif jidher mid-dokument esebit fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2005, din ma hallsitx il-*loss of earnings*

billi dawn ma kienux ghadhom awtorizzati u l-vertenza tirrigwarda primarjament il-*loss of earnings*.

L-attur ghandu negozju LC Travel u jhaddem seba' *minibuses* izda jhalli wahda *stand by* u ghalhekk, wara l-kollizjoni u waqt li l-vettura HMY 165 kienet qieghda tigi msewwija, huwa wtilizza l-vettura l-ohra. It-talba tieghu tirrigwarda kumpens ghall-uzu ta' l-istess vettura mit-22 ta' Lulju, 2003 sal-11 t'Awissu, 2003, cjoe' sakemm tlestiet il-vettura nvoluta fil-kollizjoni.

Bejn it-22 ta' Lulju, 2003 u s-27 ta' Lulju, 2003 l-attur ikkalkula x-xoghol li kien fil-fatt isir tramite l-vettura ddanneggjata izda wara li kellmuh l-*insurance* w offrewlu *replacement car* din ir-*replacement car* ma kienetx ta' l-istess altezza bhal dik involuta fil-kollizjoni, pero' accetta li minn dakinhar 'il quddiem il-kumpens jigi kkalkolat bir-rata ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kuljum bhala sinjal ta' kompromess.

Gara illi s-socjeta' assiguratrici riedet thallas il-perjodu kollu bir-rata ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) kuljum izda l-attur m'accettax.
It-Tribunal jidhirlu illi f'sitwazzjonijiet simili d-danneggjat huwa obbligat li jimminimizza d-danni kemm jista' jkun. Fil-fatt jidher car illi l-attur, konxju li huwa obbligat li jipprovdi servizz ta' kwalita', jzomm *minibus stand by* biex b'hekk jekk wiehed mis-sitt *minibuses* l-ohra tieghu jkun bil-hsara jew ikun involut f'xi kollizjoni, jkollu *minibus* iehor biex jista' jservi bhala *replacement*. Ma jirrizultax illi fiz-zmien li kien qed jintuza dan ir-*replacement minibus* il-konvenut tilef xi xoghol addizjonali u fortunatament ma jirrizultax li kien hemm xi *minibus* iehor tieghu nvolut f'xi incident jew li ma setax jintuza u ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi galadarba ma giex ippruvat li kien hemm *loss of business*, l-attur ghandu jigi kkumpensat ghall-uzu tal-vettura tieghu nnifsu bhallikieku kriha minghand haddiehor u fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ukoll l-urgenza tax-xoghol, il-fatt li l-*minibus* huwa tal-marka Mark 4 u *air conditioned* u kien fiz-zmien tas-Sajf meta d-domanda tkun qawwija, l-kumpens xieraq u opportun fic-cirkostanzi tal-kaz ghandu jkun ta' sitt mitt lira Maltin

(Lm600) u billi dan huwa inqas mill-ammont mitlub, ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) rapprezentanti *loss of use* li ghalih ma giex ikkumpensat l-attur b'rizultat tal-kollizjoni fuq imsemmija bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez huma kwantu ghal terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------